# KNEJJES ŻGĦAR FIL-QRENDI



Il-Knisja l-antika ta' SAN MATTEW li tinsab eżatt fit-tarf tal-Maqluba.

### *Kitba ta' J.A. MAGRO*

Il-bidu tal-Qrendi nsibu li kien differenti minn kif nafuh illum. Fil-fatt, kien jikkonsisti fi tliet irħula żgħar:- Ħal Lew, Ħal Manin u Ħal Kbir, li kienu kollha jiffurmaw parti miż-Żurrieq.

Viċin ta' Ħal Lew insibu l-Knisja tal-Ħniena, li fl-antik ħafna jsostnu li kienet Viċi-Parroċċa taż-Żurrieq. Ferres jgħidilna, li din il-Knisja Santwarju nbniet fis-seklu tlettax, u kif naraw fit-titular tagħha, fost persunaġġi oħra nsibu lil San Raymond de Penafort, li ħadem ħafna għall-ħelsien ta' l-Ilsiera.

Dil-knisja kienet magħrufa bħala **"Chiesa Della Misericordia"** u hekk kienet imsemmija t-triq sas-sena 1932 meta l-ismijiet tat-toroq kienu għadhom bit-taljan. Fil-fatt dil-knisja hija **"delle Mercede"**, jiġifieri tar-Redenzjoni, tal-ħelsien ta' l-Ilsiera.

Il-frontispizju tagħha huwa elaborat ħafna u xhieda tad-devozzjoni nsibu ħafna kwadri tal-wegħdi. Viċin ta' din il-knisja nsibu l-Palazz tal-Kmandant ta' l-Ordni Fra Philippo de Guttenberg, li għamel ħafna opri f'din il-knisja.

Ċentru ta' devozzjoni hija l-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena, li saħansitra l-libsa li għandha fuqha ġiet mogħtija lilha b'wegħda. Għalkemm ma fiha xejn bħala arti, hija ta' għożża kbira għall-poplu tal-Qrendi.

Statwa oħra li nsibu f'din il-knisja hija l-istatwa artistika tar-Rendentur, li kienet ġiet restawrata fi żmien il-Kappillan Dun Salv Fenech. Fi żmien dan il-Kappillan, din l-istatwa kienet tinġarr f'pellegrinaġġ, bl-ikbar devozzjoni tal-Qrendin, fl-Erbgħa tat-Tnibri, għall-Knisja Parrokkjali u terġa' tinġarr lura fil-Knisja tal-Ħniena fil-Ġimgħa l-Kbira, wara l-funzjoni fil-parroċċa.

Fis-sagristija, nsibu l-kruċifissjoni, li l-kurċifiss tagħha huwa probabbilment tas-Sur Maria De Dominicis, filwaqt li l-kwadru ta' Santa Maddalena, huwa ta' l-iskola tal-Mattias. Ma nistgħux ma nsemmux l-istil ta' din il-knisja, speċjalment iz-zuntier, li fih lavur li kulħadd jinnota.

Fir-raħal tal-Qrendi, nsibu wkoll l-knisja ta' Sant'Anna, li nbniet fl-1565, meta t-Torok ġew mirbuħa fl-ASSEDJU L-KBIR. Din il-knisja nbniet b'wegħda ta' Giovanni Schembri u aktar tard ġiet irrestawrata mill-Kappillan Dun Antonio Mizzi, li għamel ħafna ġid fir-raħal.

Żewġ knejjes żgħar oħra li nsibu, huma l-knisja ta' Santa Katerina, li tiltaqa' magħha int u dieħel il-Qrendi min naħa ta' l-Imqabba, w l-Knisja tas-Salvatur li tinsab ħdejn it-Terminus tal-karozzi. Dawn iż-żewġ knejjes ġew mibnija minn ċertu Benedetto Camilleri, l-aħħar waħda li semmejna fis-sena 1658 u l-ewwel waħda fis-sena 1676, kif jinqara l-annu fuq il-bieb. Imħabba l-fatt li l-Qrendi ħareġ mill-parroċċa taż-Żurrieq, li t-Titular tiegħu huwa Santa Katerina, l-Qrendin biex jikkomemoraw dan bnew knisja għad unur Santa Katerina, li kienet magħrufa Santa Katerina tat-Torba jew ta' Bieb iż-Żejtuna. Il-knisja tas-Salvatur qisa l-knisja antika ta' Ħal Lija



ikompli f'paġna 39

magħmula kwadra. Fuq il-bieb hemm il-gallerija ta' l-orgni, bħal ma nsibu fil-knisja ta' San Mattew tal-Maqluba, li nixtieq nagħlaq dan it-tagħrif, b'din il-knisja.

Ħafna jaħsbu, li l-knisja l-antika ta' San Mattew tal-Maqluba, kienet waħda mill-ewwel knejjes li nbnew Malta wara li s-Seraċini ġew imkeċċija mill-gżira tagħna. Dawn huma żewġ knejjes ma ġenb xulxin. Il-knisja ż-żgħira hija fix-xifer nett tal-Maqluba u kienet mibnija fiż-żmien il-**"Medio Evo"**. Il-knisja minn ġewwa hija fi stil ftit li xejn huwa magħruf, imħabba l-komposizzjoni tiegħu. Hija żgħira ferm u tindika li kienet mibnija b'xi wegħda jew min tqanqil ta' biża'.

Id-devozzjoni lejn San Mattew kibret tant li l-knisja ż-żgħira kellha tara knisja akbar mibnija ma' ġenbha, li nbdiet fl-1647 u tlestiet fl-1862. Il-festa ta' San Mattew kienet tradizzjoni f'Malta bħal speċi ta' l-Imnarja. Il-festa kienet u għadha ssir Ħadd fuq San Mattew (21 ta' Settembru). Sa min lejlietha nies minn Malta kollha kienu jinġabru taħt is-siġar tal-ħarrub jgħannu, jieklu u jdoqqu.

It-titular tagħha huwa opra sabiħa ta' Mattia Preti, u sar għas-spejjeż tal-Kmandant Franċiż Nicolò Cummenet. Il-kliem ta' fuq il-kwàdru jgħidilna dak li jirrapreżenta: *"L-Appostlu u Evanġelista San Mattew bid-daqqa ta' lanza sofra l-martirju waqt li kien qed iqaddes."*

*Illum insibu lil Dun Mattew Magro, bħala l-prokoratur ta' din il-knisja, li bħalissa qed tiġi kompletament restawrata.*


# FARELL

BATHROOM CENTRE



**Electrical**

**&**

**Plumbing**

BLUE GROTTO AVENUE,

ŻURRIEQ

Tel: 822396